



Brussell, 5 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15655/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0117(NLE)

PECHE 519

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) - Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ċaħdet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027), il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.